Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Baġits
Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0040(COD)

12.5.2025

EMENDI
24 - 172

Abbozz ta' rapport
Aura Salla, Irene Tinagli
(PE773.087v01-00)

Emenda tar-Regolamenti (UE) 2015/1017, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695 u (UE) 2021/1153 fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza tal-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523 u fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar

Proposta għal regolament
(COM(2025)0084 – 2025/0040(COD))

Emenda 24
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni ***nadifa*** u diġitali, u tal-investiment soċjali u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu.	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni ***ekoloġika*** u diġitali, u tal-investiment soċjali u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu. ***F'dan il-kuntest, it-tisħiħ tal-awtonomija tal-Unjoni, partikolarment fil-qasam tal-enerġija, billi jiġu appoġġati investimenti li jsaħħu sistema tal-enerġija reżiljenti, ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli u effiċjenti, huwa essenzjali biex jitnaqqsu d-dipendenzi u tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà ekonomika u politika.***

Or. en

Emenda 25
Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni nadifa u diġitali, u tal-investiment soċjali u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna***, li għandhom jiġu indirizzati b'mod proporzjonat li jirrispetta r-restrizzjonijiet baġitarji tal-Unjoni u jevita d-dipendenza eċċessiva fuq garanziji finanzjarji miżjuda,*** biex

jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu.	twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni nadifa u diġitali, u tal-investiment soċjali u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu.
	Or. en

Emenda 26
Angéline Furet

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni ***qed tiffaċċja*** ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni nadifa u diġitali, u tal-investiment soċjali u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu.	(1) ***Minkejja li jenħtieġ li*** l-Unjoni***, l-ewwel u qabel kollox, tiffoka l-baġit tagħha mill-ġdid fuq il-ħiliet tagħha stess, għandha*** ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni nadifa u diġitali, u tal-investiment soċjali u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu.
	Or. fr

Emenda 27
Stine Bosse, Fabienne Keller, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni nadifa u diġitali, u tal-investiment soċjali u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu.	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma ***tad-difiża,*** tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni nadifa u diġitali, u tal-investiment soċjali u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu.

Or. en

Emenda 28
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni nadifa u diġitali, u tal-investiment ***soċjali*** u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu.	(1) L-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet ta' finanzjament kbar ħafna biex twettaq l-objettivi tagħha fl-oqsma tal-innovazzjoni, tat-tranżizzjoni nadifa u diġitali, u tal-investiment u l-ħiliet, filwaqt li jeħtieġ li jiġi indirizzat sfond kumpless li jaffettwa l-kompetittività u l-bażi industrijali tal-Unjoni kkaratterizzati minn dinamika globali li qed tinbidel, tkabbir ekonomiku bil-mod, tibdil fil-klima aċċellerat u degradazzjoni ambjentali, kompetizzjoni teknoloġika u tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu.

Or. en

Emenda 29
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-pedament taż-żewġ programmi FEIS u InvestEU jinsab fl-addizzjonalità u l-effett ta' lieva tal-garanzija tal-baġit tal-UE, li jippermetti b'mod speċjali l-espansjoni ta' teknoloġiji u kumpaniji ġodda u innovattivi kif ukoll it-tnaqqis tar-riskji tal-investiment għall-investituri privati. Madankollu, l-attwalizzazzjoni ta' dawn il-programmi sseħħ permezz tal-profil tar-riskju tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u spiss tinkludi ħafna aktar strumentazzjoni avversa għar-riskju u kundizzjonijiet ta' finanzjament minn dak li r-regolament jitlob bħala l-għan tal-programmi tal-UE. Peress li l-programm InvestEU huwa l-uniku programm ta' finanzjament tal-ekwità u tad-dejn tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jkollu sorveljanza aħjar li l-garanzija tal-UE tintuża skont l-għan oriġinali tagħha li trawwem it-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività b'addizzjonalità ġenwina meta mqabbla ma' investituri privati.

Or. en

Emenda 30
Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun	(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun

żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni***, jiġu ingranati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ***ir-rinovazzjoni tal-bini, tissawwar il-manifattura*** tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali, u li dawn jixterdu fis-setturi ekonomiċi kollha.

żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u ***biex*** jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni ***fis-setturi ekonomiċi, inklużi l-SMEs, li jħabbtu wiċċhom ma' ostakoli speċifiċi biex jaċċessaw finanzjament u li l-kontribut tagħhom għall-innovazzjoni u għar-reżiljenza ekonomika lokali għandha tiġi appoġġjata aktar, biex jiġu mmobilizzati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ***ir-rinnovazzjoni tal-bini, tiġi żviluppata l-manifattura*** tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali, u li dawn jixterdu ***u t-tixrid tagħhom*** fis-setturi ekonomiċi kollha.

Or. en

Emenda 31
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, jiġu ***ingranati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-	(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030***, b'EUR 450 biljun meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija biss***. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, jiġu ***mmobilizzati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-

interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ir-rinovazzjoni tal-bini, tissawwar il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali, u li dawn jixterdu fis-setturi ekonomiċi kollha.	ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ir-rinovazzjoni tal-bini, tissawwar il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali, u li dawn jixterdu fis-setturi ekonomiċi kollha.
	Or. en

Emenda 32
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, jiġu ***ingranati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ir-rinovazzjoni tal-bini***, tissawwar il-manifattura*** tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali***, u li dawn jixterdu*** fis-setturi ekonomiċi kollha.	(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, jiġu ***mmobilizzati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ir-rinovazzjoni tal-bini ***u tiżdied id-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni affordabbli, jiġu żviluppati l-manifattura*** tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali ***u t-tixrid tagħhom*** fis-setturi ekonomiċi kollha.
	Or. en

Emenda 33

Stine Bosse, Fabienne Keller, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, jiġu ***ingranati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ir-rinovazzjoni tal-bini, ***tissawwar il-manifattura*** tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali***, u li dawn jixterdu*** fis-setturi ekonomiċi kollha.	(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, jiġu ***mmobilizzati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu ***sostanzjalment*** l-interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ir-rinovazzjoni tal-bini, ***jiġu żviluppati l-manifattura*** tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali ***u t-tixrid tagħhom*** fis-setturi ekonomiċi kollha.

Or. en

Emenda 34
Gerben-Jan Gerbrandy, Stine Bosse, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir	(2) Ir-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030. Dan jinkludi ammont sostanzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Hu kruċjali li jkun żgurat investiment pubbliku u privat suffiċjenti ħalli tingħata spinta lit-tkabbir

tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, jiġu ***ingranati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ir-rinovazzjoni ***tal-bini, tissawwar il-manifattura*** tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali, u ***li dawn jixterdu*** fis-setturi ekonomiċi kollha.	tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni, jiġu ***mmobilizzati*** l-investimenti privati bl-objettiv li tiġi dekarbonizzata l-industrija, jitħaffu l-proċessi tal-ġenerazzjoni, il-ħżin u l-użu tal-enerġija nadifa u l-elettrifikazzjoni, jissaħħu l-interkonnessjonijiet u l-grilji, javvanzaw il-mudelli tan-negozju sostenibbli u ċirkolari, titrawwem ir-rinovazzjoni ***sostenibbli tal-bini, jiġu żviluupati l-manifattura*** tat-teknoloġija nadifa u tat-teknoloġiji diġitali, u ***t-tixrid tagħhom*** fis-setturi ekonomiċi kollha.
	Or. en

Emenda 35
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jinħtieġ aktar infiq nazzjonali u Ewropew biex jissaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej u biex tiġi appoġġata l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB). Aktar reċenti, il-Kummissjoni ppreżentat il-pjan għall-Prontezza għall-2030 biex iżżid b'mod sinifikanti l-infiq tal-Ewropa fuq is-sigurtà u d-difiża. InvestEU jippermetti operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment biex jiġu żviluppati l-industrija tad-difiża u l-mobbiltà militari tal-Unjoni, inkluż appoġġ finanzjarju lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Iż-żieda fl-ammont disponibbli taħt it-twieqi rilevanti tippermetti appoġġ akbar minn InvestEU għal din il-prijorità ewlenija. Jenħtieġ li tiġi esplorata l-possibbiltà li r-riżorsi mis-SAFE jiġu diretti lejn il-kompartiment tal-Istati

Membri ta' InvestEU sabiex ikunu jistgħu jsiru investimenti akbar fi proġetti tad-difiża.

Or. en

Emenda 36
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-Ewropa qed tesperjenza kriżi tal-akkomodazzjoni li tikkonsisti f'żewġ fallimenti tas-suq: nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, u nuqqas li jitnaqqas id-distakk fl-effiċjenza enerġetika. Skont l-analiżi mwettqa mill-Grupp tal-BEI, jinħtieġ investiment annwali stmat ta' bejn EUR 300 u 400 biljun għall-kostruzzjoni u għar-rinnovazzjoni biss. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tippreżenta l-ewwel Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li qatt sar u qed taħdem mal-Grupp tal-BEI, mal-banek promozzjonali nazzjonali, u mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali biex tiżviluppa pjattaforma ta' investiment Ewropea għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli. Iż-żieda fl-ammont disponibbli taħt it-tieqa ta' politika għall-investiment soċjali u l-ħiliet, tippermetti appoġġ akbar minn InvestEU għal dawn l-isfidi, filwaqt li tippromwovi sħubijiet pubbliċi-privati u kollaborazzjonijiet internazzjonali biex jindirizzawhom b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 37
Niels Fuglsang, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-ambjent tas-sigurtà li qed jevolvi tal-Unjoni jeħtieġ investiment urġenti u strateġiku fil-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB). Filwaqt li jibni fuq il-Pjan għall-Prontezza 2030 tal-Kummissjoni u inizjattivi komplementari bħall-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) u l-Programm Ewropew għall-Investiment fil-Qasam tad-Difiża (EDIP), InvestEU jenħtieġ li jimmobilizza aktar riżorsi finanzjarji biex jappoġġa l-iżvilupp, iż-żieda u l-użu ta' teknoloġiji tad-difiża. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jenħtieġ li jtejbu l-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-istrumenti ta' finanzjament għall-SMEs, għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, u għall-impriżi ġodda fil-katina tal-provvista tad-difiża, inklużi dawk li jiżviluppaw f'teknoloġiji b'użu doppju u teknoloġiji fixkiela emerġenti.

Or. en

Emenda 38
Lucia Yar, Gerben-Jan Gerbrandy, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(2a) L-Ewropa qed tesperjenza kriżi tal-akkomodazzjoni li tikkonsisti f'żewġ fallimenti tas-suq: nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, u nuqqas li jitnaqqas id-distakk fl-effiċjenza enerġetika. Skont l-analiżi mwettqa mill-Grupp tal-BEI, jinħtieġ investiment**

annwali stmat ta' bejn EUR 300 u 400 biljun għall-kostruzzjoni u għar-rinnovazzjoni biss. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tippreżenta l-ewwel Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li qatt sar u qed taħdem mal-Grupp tal-BEI, mal-banek promozzjonali nazzjonali u mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali biex tiżviluppa pjattaforma ta' investiment Ewropea għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli. Iż-żieda proporzjonali fl-ammont disponibbli taħt it-tieqa ta' politika għall-investiment soċjali u l-ħiliet tippermetti appoġġ akbar minn InvestEU għal din il-prijorità ewlenija.

Or. en

Emenda 39
Evelyn Regner

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-Unjoni qed tiffaċċja kriżi tal-akkomodazzjoni, ikkaratterizzata minn żewġ fallimenti strutturali persistenti tas-suq: nuqqas kroniku ta' akkomodazzjoni affordabbli, u rata insuffiċjenti ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Skont stimi mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment, il-ħtiġijiet ta' investiment annwali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi jvarjaw bejn EUR 300 u 400 biljun. Bi tweġiba, il-Kummissjoni nediet l-Inizjattiva Ewropea għall-Akkomodazzjoni Affordabbli. F'dan il-kuntest, proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli żviluppati minn entitajiet bi profitt limitat li joffru kirjiet ibbażati fuq prinċipji ta' rkupru tal-kostijiet jikkostitwixxu strument essenzjali għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għal

akkomodazzjoni adegwata, f'konformità mal-objettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Or. en

Emenda 40
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-UE qed tiffaċċja kriżi akuta tal-akkomodazzjoni. Skont l-Eurostat, mill-2010 sal-2022, il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni żdiedu b'47 %, u dan ċaħħad lil ħafna Ewropej milli jkollhom aċċess għal dar affordabbli. Barra minn hekk, 46 miljun Ewropew qed jgħixu fli qatt sar f'faqar enerġetiku. Il-ħtiġijiet ta' investiment biex tiġi promossa l-akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli huma enormi. Il-pjattaforma ta' investiment pan-Ewropea tal-Kummissjoni u tal-grupp tal-BEI għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli hija mistennija li tipprovdi EUR 10 biljun ta' investimenti fis-sentejn li ġejjin. Madankollu, jinħtieġu investimenti addizzjonali, u ż-żieda tal-ammont disponibbli taħt it-tieqa għall-investiment soċjali u l-ħiliet tippermetti lill-programm InvestEU jkompli jikkontribwixxi biex jimla din il-lakuna.

Or. en

Emenda 41
Enikő Győri, Paolo Borchia, Jorge Martín Frías, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament

Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li huma s-sinsla tal-ekonomija tal-Ewropa, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-innovazzjoni, il-produttività u t-tkabbir, jiffaċċjaw sfidi ta' kompetittività li qed jikbru, inklużi burokrazija żejda, prezzijiet għoljin tal-enerġija, ambjent tan-negozju sfavorevoli u aċċess ikkumplikat għall-finanzi. Dawk l-ostakli jfixklu serjament il-kapaċità tagħhom li jespandu u jkunu innovattivi.

Or. en

Emenda 42
Gerben-Jan Gerbrandy, Stine Bosse, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Id-dipendenza enerġetika fuq il-fjuwils fossili importati hija theddida ekonomika u ta' sigurtà eżistenzjali. InvestEU għandu rwol importanti fl-iżblukkar tal-investimenti sinifikanti meħtieġa biex tiġi żgurata tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija rinnovabbli u indipendenti.

Or. en

Emenda 43
Lucia Yar, Gerben-Jan Gerbrandy, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(2b) Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jinħtieġ aktar infiq nazzjonali u Ewropew biex jissaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej u biex tiġi appoġġata l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB). Aktar reċenti, il-Kummissjoni ppreżentat il-pjan għall-Prontezza għall-2030 biex iżżid b'mod sinifikanti l-infiq tal-Ewropa fuq is-sigurtà u d-difiża. InvestEU jippermetti operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment biex jiġu żviluppati l-industrija tad-difiża u l-mobbiltà militari tal-Unjoni, inkluż appoġġ finanzjarju lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Iż-żieda proporzjonali fl-ammont disponibbli taħt it-twieqi rilevanti tippermetti appoġġ akbar minn InvestEU għal din il-prijorità ewlenija.

Or. en

Emenda 44
Enikő Győri, Paolo Borchia, Jorge Martín Frías, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Minħabba l-isfidi serji tal-kompetittività u l-aċċess ikkumplikat għall-finanzjament għall-SMEs, huwa meħtieġ li l-garanzija pprovduta taħt it-tieqa ta' politika għall-SMEs tiżdied b'mill-inqas 50 % tal-garanzija addizzjonali ta' EUR 2,5 biljun introdotta b'dan ir-Regolament. Tali żieda għandha tiżgura li l-SMEs jirċievu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex jegħlbu l-isfidi tagħhom, jikbru, u jikkontribwixxu għall-kompetittività ekonomika tal-UE.

Or. en

Emenda 45
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Fond InvestEU hu l-għodda ewlenija fil-livell tal-UE biex il-finanzjament pubbliku u privat jiġi ingranat biex jappoġġa firxa wiesgħa ta' prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni. Permezz tan-network komprensiv tiegħu tas-sħab ta' implimentazzjoni, fosthom il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra u banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, il-Fond InvestEU qed jipprovdi l-finanzjament tant meħtieġ permezz tal-kapaċità tiegħu ta' kondiviżjoni tar-riskju. L-evalwazzjoni interim ta' InvestEU enfasizzat li l-garanziji baġitarji huma intrinsikament effiċjenti għall-baġit tal-UE u kkonfermat li l-programm qiegħed fit-triq it-tajba biex jimmobilizza l-investiment, b'impatt mistenni notevoli fuq l-ekonomija reali. ***Iżda*** l-approvazzjonijiet ***tal-operazzjoni*** ta' finanzjament u ta' investiment ***b'InvestEU*** ġraw ħafna minnhom fil-bidu nett, u għalhekk, jekk ma ***tittiħidx*** azzjoni li ***ssewwi*** l-kwistjoni, ***jaf jiefqu ċerti approvazzjonijiet ġodda*** għal xi prodotti finanzjarji ***ta'*** wara l-2025.	(3) Il-Fond InvestEU hu l-għodda ewlenija fil-livell tal-UE biex il-finanzjament pubbliku u privat jiġi ingranat biex jappoġġa firxa wiesgħa ta' prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni. Permezz tan-network komprensiv tiegħu tas-sħab ta' implimentazzjoni, fosthom il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra u banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, il-Fond InvestEU qed jipprovdi l-finanzjament tant meħtieġ permezz tal-kapaċità tiegħu ta' kondiviżjoni tar-riskju. L-evalwazzjoni interim ta' InvestEU enfasizzat li l-garanziji baġitarji huma intrinsikament effiċjenti għall-baġit tal-UE u kkonfermat li l-programm qiegħed fit-triq it-tajba biex jimmobilizza l-investiment, b'impatt mistenni notevoli fuq l-ekonomija reali. ***Peress li*** l-approvazzjonijiet ***tal-operazzjonijiet*** ta' finanzjament u ta' investiment ***fl-ambitu ta' InvestEU*** ġraw ħafna minnhom fil-bidu nett, u għalhekk, jekk ma ***tittieħidx*** azzjoni li ***tindirizza*** l-kwistjoni, ***l-approvazzjonijiet ġodda jafu jieqfu*** għal xi prodotti finanzjarji wara l-2025. ***Din il-prestazzjoni tindika li l-proċeduri amministrattivi attwali mhumiex qed jaġixxu bħala ostaklu għall-approvazzjonijiet fl-ambitu tal-programm, u dan jissuġġerixxi li, filwaqt li l-isforzi ta' simplifikazzjoni jintlaqgħu u huma mixtieqa, jenħtieġ li jkunu mmirati bir-reqqa u debitament ġustifikati.***

Or. en

Emenda 46
Angéline Furet

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Fond InvestEU hu l-għodda ewlenija fil-livell tal-UE biex il-finanzjament pubbliku u privat jiġi ingranat biex jappoġġa firxa wiesgħa ta' prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni. Permezz tan-network komprensiv tiegħu tas-sħab ta' implimentazzjoni, fosthom il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra u banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, il-Fond InvestEU qed jipprovdi l-finanzjament tant meħtieġ permezz tal-kapaċità tiegħu ta' kondiviżjoni tar-riskju. L-evalwazzjoni interim ta' InvestEU enfasizzat li l-garanziji baġitarji huma intrinsikament effiċjenti għall-baġit tal-UE u kkonfermat li l-programm qiegħed fit-triq it-tajba biex jimmobilizza l-investiment, b'impatt mistenni notevoli fuq l-ekonomija reali. ***Iżda l-approvazzjonijiet tal-operazzjoni ta' finanzjament u ta' investiment b'InvestEU ġraw ħafna minnhom fil-bidu nett, u għalhekk, jekk ma tittieħidx azzjoni li ssewwi l-kwistjoni, jaf jiefqu ċerti approvazzjonijiet ġodda għal xi prodotti finanzjarji ta' wara l-2025***.	(3) Il-Fond InvestEU hu l-għodda ewlenija fil-livell tal-UE biex il-finanzjament pubbliku u privat jiġi ingranat biex jappoġġa firxa wiesgħa ta' prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni. Permezz tan-network komprensiv tiegħu tas-sħab ta' implimentazzjoni, fosthom il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra u banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, il-Fond InvestEU qed jipprovdi l-finanzjament tant meħtieġ permezz tal-kapaċità tiegħu ta' kondiviżjoni tar-riskju. L-evalwazzjoni interim ta' InvestEU enfasizzat li l-garanziji baġitarji huma intrinsikament effiċjenti għall-baġit tal-UE u kkonfermat li l-programm qiegħed fit-triq it-tajba biex jimmobilizza l-investiment, b'impatt mistenni notevoli fuq l-ekonomija reali. ***Madankollu, iż-żieda fil-garanziji baġitarji se twassal biss għal żieda fid-djun potenzjali tal-Unjoni Ewropea***.

Or. fr

Emenda 47
Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-kapaċità finanzjarja tal-Fond InvestEU jenħtieġ li ***tiżdied u*** tintuża ***ferm*** aktar effiċjenti flimkien mar-riżorsi li se jsiru disponibbli mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u minn strumenti ta' legat oħra (l-Istrument tad-Dejn tal-FNE u l-Faċilità tad-Dejn InnovFin) implimentati mill-Grupp tal-BEI. Dawn il-kombinamenti potenzjalment inaqqsu d-dħul tal-baġit minn strumenti ta' legat. Iżda dawn joħolqu l-possibbiltà li tinħoloq kopertura akbar tal-garanzija għal investimenti strateġiċi fl-oqsma ta' prijorità ewlenin tal-Unjoni, biex isir investiment addizzjonali ta' madwar EUR 25 biljun li jista' jkun mistenni li jiġi mobilizzat, u billi tiżdied id-diversifikazzjoni tar-riskji u b'hekk ma jiżdidux sostanzjalment ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni.	(4) Il-kapaċità finanzjarja tal-Fond InvestEU jenħtieġ li tintuża ***b'mod*** aktar effiċjenti ***u aktar immirat biex jiġu indirizzati l-lakuni reali fl-investiment, b'mod partikolari fir-reġjuni u s-setturi fejn il-fallimenti tas-suq huma identifikati sewwa,*** flimkien mar-riżorsi li se jsiru disponibbli mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u minn strumenti ta' legat oħra (l-Istrument tad-Dejn tal-FNE u l-Faċilità tad-Dejn InnovFin) implimentati mill-Grupp tal-BEI. Dawn il-kombinamenti potenzjalment inaqqsu d-dħul tal-baġit minn strumenti ta' legat. Iżda dawn joħolqu l-possibbiltà li tinħoloq kopertura akbar tal-garanzija għal investimenti strateġiċi fl-oqsma ta' prijorità ewlenin tal-Unjoni, biex isir investiment addizzjonali ta' madwar EUR 25 biljun li jista' jkun mistenni li jiġi mobilizzat, u billi tiżdied id-diversifikazzjoni tar-riskji u b'hekk ma jiżdidux sostanzjalment ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 48
Angéline Furet

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-kapaċità finanzjarja tal-Fond InvestEU jenħtieġ li tiżdied u tintuża ferm aktar effiċjenti flimkien mar-riżorsi li se jsiru disponibbli mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u minn strumenti ta' legat oħra (l-Istrument tad-Dejn tal-FNE u l-Faċilità tad-Dejn InnovFin) implimentati mill-Grupp tal-BEI. Dawn il-kombinamenti potenzjalment inaqqsu d-dħul tal-baġit minn strumenti ta' legat. Iżda dawn joħolqu l-possibbiltà li	(4) Il-kapaċità finanzjarja tal-Fond InvestEU jenħtieġ li tiżdied u tintuża ferm aktar effiċjenti flimkien mar-riżorsi li se jsiru disponibbli mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u minn strumenti ta' legat oħra (l-Istrument tad-Dejn tal-FNE u l-Faċilità tad-Dejn InnovFin) implimentati mill-Grupp tal-BEI. Dawn il-kombinamenti potenzjalment inaqqsu d-dħul tal-baġit minn strumenti ta' legat. Iżda dawn joħolqu l-possibbiltà li

tinħoloq kopertura akbar tal-garanzija għal investimenti strateġiċi fl-oqsma ta' prijorità ewlenin tal-Unjoni, biex isir investiment addizzjonali ta' madwar EUR 25 biljun li jista' jkun mistenni li jiġi mobilizzat, u billi tiżdied id-diversifikazzjoni tar-riskji u b'hekk ***ma jiżdidux sostanzjalment ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni***.	tinħoloq kopertura akbar tal-garanzija għal investimenti strateġiċi fl-oqsma ta' prijorità ewlenin tal-Unjoni, biex isir investiment addizzjonali ta' madwar EUR 25 biljun li jista' jkun mistenni li jiġi mobilizzat, u billi tiżdied id-diversifikazzjoni tar-riskji u b'hekk ***jiżdied in-nuqqas ta' ħlas tas-self***.

Or. fr

Emenda 49
Angéline Furet

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Biż-żieda ta' EUR 2.5 biljun fil-garanzija tal-UE mirfuda minn rimborżi addizzjonali ta' EUR 1 biljun, u l-miżuri tal-effiċjenza implimentati bil-kombinament tal-kapaċitajiet tal-istrumenti ta' legat mal-Fond InvestEU, mistennija jkunu jistgħu jiġu mobilizzati madwar EUR 50 biljun f'investiment addizzjonali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Grupp tal-BEI jenħtieġ li tiġi aġġustata proporzjonalment għas-sehem taż-żieda fil-garanzija tal-UE allokata lilhom.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 50
Niels Fuglsang, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Biż-żieda ta' EUR 2.5 biljun fil-garanzija tal-UE mirfuda minn rimborżi	(5) Biż-żieda ta' EUR 2.5 biljun fil-garanzija tal-UE mirfuda minn rimborżi

addizzjonali ta' EUR 1 biljun, u l-miżuri tal-effiċjenza implimentati bil-kombinament tal-kapaċitajiet tal-istrumenti ta' legat mal-Fond InvestEU, mistennija jkunu jistgħu jiġu mobilizzati madwar EUR 50 biljun f'investiment addizzjonali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Grupp tal-BEI jenħtieġ li tiġi aġġustata proporzjonalment għas-sehem taż-żieda fil-garanzija tal-UE allokata lilhom.

addizzjonali ta' EUR 1 biljun, u l-miżuri tal-effiċjenza implimentati bil-kombinament tal-kapaċitajiet tal-istrumenti ta' legat mal-Fond InvestEU, mistennija jkunu jistgħu jiġu mobilizzati madwar EUR 50 biljun f'investiment addizzjonali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Grupp tal-BEI jenħtieġ li tiġi aġġustata proporzjonalment għas-sehem taż-żieda fil-garanzija tal-UE allokata lilhom. ***Din il-kapaċità ta' investiment addizzjonali jenħtieġ li tagħti prijorità lis-setturi strateġiċi essenzjali għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-Unjoni, b'mod partikolari t-teknoloġiji tad-difiża, tal-ispazju u b'użu doppju, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, f'konformità mal-objettivi tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 51
Stine Bosse, Fabienne Keller, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Biż-żieda ta' EUR ***2.5*** biljun fil-garanzija tal-UE mirfuda minn rimborżi addizzjonali ta' EUR ***1*** biljun, u l-miżuri tal-effiċjenza implimentati bil-kombinament tal-kapaċitajiet tal-istrumenti ta' legat mal-Fond InvestEU, mistennija jkunu jistgħu jiġu mobilizzati madwar EUR ***50*** biljun f'investiment addizzjonali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Grupp tal-BEI jenħtieġ li tiġi aġġustata proporzjonalment għas-sehem taż-żieda fil-garanzija tal-UE allokata lilhom.	(5) Biż-żieda ta' EUR ***4,75*** biljun fil-garanzija tal-UE mirfuda minn rimborżi addizzjonali ta' EUR ***1,9*** biljun, u l-miżuri tal-effiċjenza implimentati bil-kombinament tal-kapaċitajiet tal-istrumenti ta' legat mal-Fond InvestEU, mistennija jkunu jistgħu jiġu mobilizzati madwar EUR ***72,5*** biljun f'investiment addizzjonali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Grupp tal-BEI jenħtieġ li tiġi aġġustata proporzjonalment għas-sehem taż-żieda fil-garanzija tal-UE allokata lilhom. ***Id-distribuzzjoni indikattiva tal-garanzija tal-UE bejn l-erba' twieqi ta' politika, kif stabbiliti fl-Anness I, tiżdied b'mod proporzjonat maż-żieda tal-garanzija tal-***

UE.

Or. en

Emenda 52
Nils Ušakovs

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Biż-żieda ta' EUR ***2.5*** biljun fil-garanzija tal-UE mirfuda minn rimborżi addizzjonali ta' EUR ***1*** biljun, u l-miżuri tal-effiċjenza implimentati bil-kombinament tal-kapaċitajiet tal-istrumenti ta' legat mal-Fond InvestEU, mistennija jkunu jistgħu jiġu mobilizzati madwar EUR ***50*** biljun f'investiment addizzjonali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Grupp tal-BEI jenħtieġ li tiġi aġġustata proporzjonalment għas-sehem taż-żieda fil-garanzija tal-UE allokata lilhom.	(5) Biż-żieda ta' EUR ***3,625*** biljun fil-garanzija tal-UE mirfuda minn rimborżi addizzjonali ta' EUR ***1,45*** biljun, u l-miżuri tal-effiċjenza implimentati bil-kombinament tal-kapaċitajiet tal-istrumenti ta' legat mal-Fond InvestEU, mistennija jkunu jistgħu jiġu mobilizzati madwar EUR ***72,3*** biljun f'investiment addizzjonali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Grupp tal-BEI jenħtieġ li tiġi aġġustata proporzjonalment għas-sehem taż-żieda fil-garanzija tal-UE allokata lilhom.

Or. en

Emenda 53
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-evalwazzjoni interim tal-Kummissjoni tal-programm InvestEU enfasizzat l-impatt pożittiv taċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU fuq il-kwalità tal-proġetti. Għall-kuntrarju, il-Portal ta' InvestEU jidher li kellu rwol aktar limitat. In-nuqqas ta' viżibbiltà ta' ċerti proġetti ta' investiment wassal biex intilfu opportunitajiet ta' finanzjament. L-

interazzjoni bejn il-komponenti differenti ta' InvestEU jeħtieġ li tissaħħaħ. Jenħtieġ li jiġi implimentat mekkaniżmu strutturat ta' feedback bejn il-Portal ta' InvestEU, iċ-Ċentru ta' Konsulenza u l-Fond, sabiex il-Portal ikun jista' jaqdi bis-sħiħ ir-rwol tiegħu bħala punt ta' dħul għall-iżvilupp u l-finanzjament tal-proġetti. Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u mill-konsulenza jenħtieġ li jikkontribwixxu għal dan il-mekkaniżmu ta' feedback billi jikkondividu l-esperjenza u l-valutazzjoni tagħhom tal-proġetti ta' investiment. Barra minn hekk, peress li dawk is-servizzi ta' konsulenza huma partikolarment utli f'oqsma ġodda u kumplessi, bħall-akkomodazzjoni soċjali affordabbli u d-difiża, ikun għalhekk xieraq li jintużaw EUR 200 miljun f'rimborżi biex jiżdied l-ammont disponibbli għal tali servizzi.

Or. en

Emenda 54
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Sabiex tiġi massimizzata l-effiċjenza baġitarja filwaqt li tiġi ppreservata l-ġestjoni prudenti tar-riskju, il-livell ta' fiduċja applikat għall-kalkolu tat-telf tul il-ħajja taħt InvestEU jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 90 % tal-valur fir-riskju (VaR). Dan il-livell huwa konsistenti mal-metodoloġija diġà użata għall-garanziji tal-politika esterna tal-Unjoni u fid-dawl tad-data tal-prestazzjoni tal-portafoll osservata s'issa jipprovdi marġni ta' sikurezza adegwat għall-baġit tal-Unjoni. L-allinjament ta' InvestEU ma' livell ta' fiduċja ta' 90 % jirrilaxxa l-kapaċità ta' proviżjonament u

b'hekk jippermetti volum akbar ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment b'appoġġ għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tnaqqis tal-livell ta' fiduċja minn 95 % għal 90 % iġib lil InvestEU f'konformità ma' skemi oħra ta' garanzija tal-UE, jillibera riżorsi baġitarji skarsi msakkra fi proviżjonament żejjed u jżid il-versatilità tal-programm, mingħajr ma jżid materjalment ir-riskju residwu għall-baġit tal-UE.

Emenda 55
Denis Nesci, Ruggero Razza

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Sabiex tiġi massimizzata l-effiċjenza baġitarja filwaqt li tiġi ppreservata l-ġestjoni prudenti tar-riskju, il-livell ta' fiduċja applikat għall-kalkolu tat-telf tul il-ħajja taħt InvestEU jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 90 % tal-valur fir-riskju (VaR). Dan il-livell huwa konsistenti mal-metodoloġija diġà użata għall-garanziji tal-politika esterna tal-Unjoni u – fid-dawl tad-data tal-prestazzjoni tal-portafoll osservata s'issa – jipprovdi marġni ta' sikurezza adegwat għall-baġit tal-Unjoni. L-allinjament ta' InvestEU ma' livell ta' fiduċja ta' 90 % jirrilaxxa l-kapaċità ta' proviżjonament u b'hekk jippermetti volum akbar ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment b'appoġġ għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 56

Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Is-servizzi ta' konsulenza ta' InvestEU għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp ta' sensiela ta' proġetti, b'mod partikolari f'oqsma ġodda u kumplessi bħall-akkomodazzjoni soċjali affordabbli u d-difiża. Dawn is-servizzi għandhom jissaħħu fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer, li jiffaċċjaw sfidi speċifiċi minħabba l-insularità tagħhom, bħall-iżolament ġeografiku u l-kapaċità amministrattiva limitata. Għalhekk, ikun xieraq li jintużaw EUR 100 miljun f'rimborżi biex jiżdiedu r-riżorsi disponibbli għal dawn is-servizzi, filwaqt li tingħata prijorità liż-żoni insulari u lir-reġjuni l-aktar vulnerabbli.

Or. en

Emenda 57
Lucia Yar, Gerben-Jan Gerbrandy, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Is-servizzi ta' konsulenza ta' InvestEU għandhom rwol importanti fl-iżvilupp tar-riżerva ta' proġetti. Dawk is-servizzi ta' konsulenza huma partikolarment utli f'oqsma ġodda u kumplessi, bħall-akkomodazzjoni soċjali u sostenibbli affordabbli, infrastruttura u grilji sostenibbli, u d-difiża. Għalhekk ikun xieraq li jintużaw EUR 100 miljun f'rimborżi biex jiżdied l-ammont disponibbli, b'mod proporzjonat b'appoġġ għall-inizjattivi konsultattivi taħt l-erba' twieqi ta' politika ta' InvestEU kif ukoll

taħt il-komponent konsultattiv transsettorjali/orizzontali.

Or. en

Emenda 58
Nils Ušakovs

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Is-servizzi ta' konsulenza ta' InvestEU għandhom rwol importanti fl-iżvilupp tar-riżerva ta' proġetti. Dawn is-servizzi ta' konsulenza huma, b'mod partikolari, utli f'oqsma ġodda u kumplessi, bħall-akkomodazzjoni soċjali affordabbli u d-difiża. Għalhekk ikun xieraq li jintużaw EUR 200 miljun f'rimborżi biex jiżdied l-ammont disponibbli għal tali servizzi.

Or. en

Emenda 59
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Sabiex jiġi promoss żvilupp territorjali bbilanċjat u jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali, is-servizzi konsultattivi ta' InvestEU jenħtieġ li jissaħħu, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni inqas żviluppati, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer, li huma kkaratterizzati minn kapaċitajiet amministrattivi u ta' proġetti limitati. F'dawn il-kuntesti, l-appoġġ strateġiku għat-tħejjija ta' proġetti ta' investiment

f'setturi soċjalment importanti, bħall-akkomodazzjoni soċjali affordabbli, li hija strutturalment skarsa, isir kruċjali. It-tisħiħ immirat tas-servizzi ta' assistenza teknika f'dawn l-oqsma se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jingħelbu d-disparitajiet territorjali, filwaqt li jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 60
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Biex tissaħħaħ l-attraenza tal-kompartiment tal-Istat Membru mill-Fond InvestEU, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jikkontribwixxu wkoll b'finanzjamenti sħaħ permezz ta' strument finanzjarju ta' InvestEU flimkien mal-alternattiva eżistenti li jikkontribwixxu għall-garanzija tal-UE. L-appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, jiġi implimentat skont l-istess prinċipji bħal dawk tal-garanzija tal-UE. Permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU, l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jibbenefikaw finanzjarjament mill-programm InvestEU b'mod aktar effiċjenti fil-munita tagħhom stess.	(6) Biex tissaħħaħ l-attraenza tal-kompartiment tal-Istat Membru mill-Fond InvestEU, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jikkontribwixxu wkoll b'finanzjamenti sħaħ permezz ta' strument finanzjarju ta' InvestEU flimkien mal-alternattiva eżistenti li jikkontribwixxu għall-garanzija tal-UE. L-appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, jiġi implimentat skont l-istess prinċipji bħal dawk tal-garanzija tal-UE. Permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU, l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jibbenefikaw finanzjarjament mill-programm InvestEU b'mod aktar effiċjenti fil-munita tagħhom stess. ***L-istrument finanzjarju InvestEU jenħtieġ li jipprovdi wkoll inċentiv ulterjuri biex jiżdied b'mod responsabbli l-aptit għar-riskju tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni billi jippermetti appoġġ għal investimenti ta' ekwità indiretti u ta' kważi ekwità u dejn subordinat b'mod iffinanzjat, u b'hekk jikkontribwixxi biex jiġi attirat il-kapital privat.***

Or. en

Emenda 61
Enikő Győri, Paolo Borchia, Jorge Martín Frías, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Biex tissaħħaħ l-attraenza tal-kompartiment tal-Istat Membru mill-Fond InvestEU, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jikkontribwixxu wkoll b'finanzjamenti sħaħ permezz ta' strument finanzjarju ta' InvestEU flimkien mal-alternattiva eżistenti li jikkontribwixxu għall-garanzija tal-UE. L-appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, jiġi implimentat skont l-istess prinċipji bħal dawk tal-garanzija tal-UE. Permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU, l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jibbenefikaw finanzjarjament mill-programm InvestEU b'mod aktar effiċjenti fil-munita tagħhom stess.	(6) Biex tissaħħaħ l-attraenza tal-kompartiment tal-Istat Membru mill-Fond InvestEU, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jikkontribwixxu wkoll b'finanzjamenti sħaħ***, mill-fondi b'ġestjoni kondiviża, mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew mir-riżorsi tal-Istati Membri,*** permezz ta' strument finanzjarju ta' InvestEU flimkien mal-alternattiva eżistenti li jikkontribwixxu għall-garanzija tal-UE. L-appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, jiġi implimentat skont l-istess prinċipji bħal dawk tal-garanzija tal-UE. Permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU, l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jibbenefikaw finanzjarjament mill-programm InvestEU b'mod aktar effiċjenti fil-munita tagħhom stess.

Or. en

Emenda 62
Stine Bosse, Fabienne Keller, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Biex tissaħħaħ l-attraenza tal-kompartiment tal-Istat Membru mill-Fond InvestEU, jenħtieġ li jkun possibbli li l-	(6) Biex tissaħħaħ l-attraenza tal-kompartiment tal-Istat Membru mill-Fond InvestEU, jenħtieġ li jkun possibbli li l-

Istati Membri jikkontribwixxu wkoll b'finanzjamenti sħaħ permezz ta' strument finanzjarju ta' InvestEU flimkien mal-alternattiva eżistenti li jikkontribwixxu għall-garanzija tal-UE. L-appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, jiġi implimentat skont l-istess prinċipji bħal dawk tal-garanzija tal-UE. Permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU, l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jibbenefikaw finanzjarjament mill-programm InvestEU b'mod aktar effiċjenti fil-munita tagħhom stess.	Istati Membri jikkontribwixxu wkoll b'finanzjamenti sħaħ permezz ta' strument finanzjarju ta' InvestEU flimkien mal-alternattiva eżistenti li jikkontribwixxu għall-garanzija tal-UE. L-appoġġ mill-istrument finanzjarju InvestEU jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, jiġi implimentat skont l-istess prinċipji bħal dawk tal-garanzija tal-UE ***u fir-rispett sħiħ tal-kompetizzjoni ġusta u tal-integrità tas-suq intern***. Permezz tal-istrument finanzjarju InvestEU, l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jistgħu jibbenefikaw finanzjarjament mill-programm InvestEU b'mod aktar effiċjenti fil-munita tagħhom stess.

Or. en

Emenda 63
Lucia Yar, Gerben-Jan Gerbrandy, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Huwa possibbli li l-ammonti allokati lill-kompartiment tal-Istat Membru jiġu kkombinati ma' riżorsi taħt il-kompartiment tal-UE fi struttura b'diversi saffi biex tinkiseb kopertura tar-riskju aħjar, b'mod partikolari ma' segment tal-ewwel telf kopert mir-riżorsi nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jesploraw aktar dik il-possibbiltà biex jimmobilizzaw aktar investimenti f'oqsma strateġiċi. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-objettivi tal-Programm InvestEU, tali kombinazzjonijiet jenħtieġ li jirrispettaw strettament il-prinċipji tal-valur miżjud tal-UE, il-kompetizzjoni ġusta, u l-integrità tas-suq intern, u jenħtieġ li jappoġġaw il-kooperazzjoni transfruntiera, meta rilevanti.

Or. en

Emenda 64
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-istrumenti ġodda fil-qafas ta' InvestEU jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipji tal-valur miżjud tal-UE, il-kompetizzjoni ġusta, u l-integrità tas-suq intern, u jenħtieġ li jappoġġaw il-kooperazzjoni transfruntiera, meta rilevanti. Jenħtieġ li jipprovdi wkoll inċentiv ulterjuri biex tiżdied b'mod responsabbli l-aptit għar-riskju tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni billi jippermetti appoġġ għal investimenti kważi u indiretti ta' ekwità u dejn subordinat b'mod iffinanzjat, u b'hekk jikkontribwixxi biex jiġi attirat il-kapital privat.

Or. en

Emenda 65
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkombinaw ir-riżorsi proprji tagħhom mal-kompartiment tal-UE sabiex il-kontribuzzjoni nazzjonali tkopri s-segment tal-ewwel telf, filwaqt li l-garanzija tal-Kompartiment tal-UE ta' InvestEU tipprovdi s-saff ta' fuq tal-kopertura tar-riskju. Din l-istruttura ta' kondiviżjoni tar-riskju żżid l-effett ta' lieva, tipproteġi l-baġit tal-Unjoni u

timmobilizza kapital privat addizzjonali, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-valur miżjud tal-Unjoni, il-kompetizzjoni ġusta u l-integrità tas-suq intern.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà ta' layering formali tal-ewwel telf/tat-tieni telf bejn ir-riżorsi tal-Istati Membri u tal-garanzija tal-UE timmultiplika l-impatt taż-żewġ pakketti. Is-segment nazzjonali jaġixxi bħala buffer, u jnaqqas it-telf mistenni għall-baġit tal-Unjoni, filwaqt li l-garanzija InvestEU tamplifika l-kapaċità ta' investiment. Dan il-mudell diġà huwa standard f'ħafna faċilitajiet ta' finanzjament imħallat u se jinkoraġġixxi lil aktar Stati Membri jidderieġu fondi addizzjonali fi proġetti strateġiċi mingħajr ma jiksru r-restrizzjonijiet baġitarji.

Emenda 66
Denis Nesci, Ruggero Razza

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkombinaw il-garanzija tagħhom mal-kompartiment tal-UE sabiex il-kontribuzzjoni nazzjonali tkopri s-segment tal-ewwel telf, filwaqt li l-garanzija tal-Kompartiment tal-UE ta' InvestEU tipprovdi kopertura tar-riskju addizzjonali. Din l-istruttura ta' kondiviżjoni tar-riskju żżid l-effett ta' lieva, tipproteġi l-baġit tal-Unjoni u timmobilizza kapital privat addizzjonali, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-valur miżjud tal-Unjoni, il-kompetizzjoni ġusta u l-integrità tas-suq intern.

Or. en

Emenda 67
Jonás Fernández

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali tas-simplifikazzjoni, biex jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tar-rappurtar, inkluż dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ, jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u l-operazzjonijiet ta' skala żgħira. L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME jenħtieġ li tiġi aġġustata biex jitneħħew il-kumplessitajiet sa fejn ikun possibbli. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 68
Stine Bosse, Fabienne Keller, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali tas-simplifikazzjoni, biex jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tar-rappurtar, inkluż dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ, jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u l-operazzjonijiet ta' skala żgħira. ***L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME*** jenħtieġ li tiġi ***aġġustata biex jitneħħew il-kumplessitajiet sa fejn ikun possibbli***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-	(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali tas-simplifikazzjoni, biex jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tar-rappurtar, inkluż dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ, jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u l-operazzjonijiet ta' skala żgħira. ***Filwaqt li tinżamm id-definizzjoni attwali ta' SME,*** jenħtieġ li tiġi ***introdotta xi flessibbiltà biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-kumplessitajiet mhux meħtieġa, filwaqt***

intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament.

li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-programm ikun qed jilħaq l-objettivi tiegħu u jiġi evalwat b'mod sod. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament.

Or. en

Emenda 69
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali ***tas-simplifikazzjoni, biex*** jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ***ta' implimentazzjoni***, ir-rekwiżiti ***tar-rappurtar, inkluż dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ,*** jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u ***l-operazzjonijiet*** ta' skala żgħira***. L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME*** jenħtieġ li ***tiġi*** aġġustata ***biex*** jitneħħew il-kumplessitajiet sa fejn ikun possibbli***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament***.	(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali ***ta' simplifikazzjoni, sabiex*** jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ***inkarigati mill-implimentazzjoni***, ir-rekwiżiti ***ta' rappurtar*** jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u ***lill-operazzjonijiet*** ta' skala żgħira***, u tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament. Għal operazzjonijiet li jinvolvu appoġġ finanzjarju totali taħt livell limitu ta' EUR 100 000,*** jenħtieġ li ***tkun possibbli l-applikazzjoni temporanja u*** aġġustata ***tad-definizzjoni ta' SME, sabiex*** jitneħħew il-kumplessitajiet sa fejn ikun possibbli***, mingħajr ma titneħħa l-possibbiltà li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jitolbu informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda tal-SMEs għall-fini tal-kalkolu tal-għadd ta' persunal***.

Or. en

Emenda 70
Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali tas-simplifikazzjoni, biex jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tar-rappurtar, inkluż dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ, jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u l-operazzjonijiet ta' skala żgħira. L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME jenħtieġ li tiġi aġġustata biex jitneħħew il-kumplessitajiet sa fejn ikun possibbli. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament.	(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali tas-simplifikazzjoni, biex jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tar-rappurtar, inkluż dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ, jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u l-operazzjonijiet ta' skala żgħira. L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME jenħtieġ li tiġi aġġustata biex jitneħħew il-kumplessitajiet sa fejn ikun possibbli. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li s-simplifikazzjoni ma twassalx għal telf ta' responsabbiltà, speċjalment f'operazzjonijiet li jinvolvu livelli għoljin ta' garanziji pubbliċi.***

Or. en

Emenda 71
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali ***tas-simplifikazzjoni, biex*** jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ***ta' implimentazzjoni***, ir-rekwiżiti ***tar-rappurtar, inkluż*** dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u ***tal-***	(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali ***ta' simplifikazzjoni sabiex*** jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ***inkarigati mill-implimentazzjoni***, ir-rekwiżiti ***ta' rappurtar, inklużi*** dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u ***ta'***

monitoraġġ, jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u ***l-operazzjonijiet*** ta' skala żgħira***. L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME jenħtieġ li tiġi aġġustata biex jitneħħew il-kumplessitajiet sa fejn ikun possibbli***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament.	***monitoraġġ***, jenħtieġ li jitnaqqsu, meta xieraq, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u ***lill-operazzjonijiet*** ta' skala żgħira***, filwaqt li jiġi żgurat li l-programm ikun qed jilħaq l-objettivi tiegħu u qed jiġi evalwat b'mod solidu***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament. ***Is-simplifikazzjoni tista' tissaħħaħ fil-futur permezz tal-introduzzjoni ta' lista ta' assi standardizzati u approvati minn qabel.***

Or. en

Emenda 72
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali tas-simplifikazzjoni, biex jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tar-rappurtar, inkluż dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ, jenħtieġ li jitnaqqsu***, *meta xieraq***, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u l-operazzjonijiet ta' skala żgħira. ***L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME jenħtieġ li tiġi aġġustata biex jitneħħew il-kumplessitajiet sa fejn ikun possibbli. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament***.	(7) F'konformità ma' objettiv ġenerali tas-simplifikazzjoni, biex jittaffa l-piż amministrattiv għar-riċevituri finali, l-intermedjarji finanzjarji u s-sħab ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tar-rappurtar, inkluż dawk relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ, jenħtieġ li jitnaqqsu ***b'mod sinifikanti***, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-negozji żgħar u l-operazzjonijiet ta' skala żgħira. ***Huwa xieraq li l-intermedjarji li jirċievu finanzjament ta' inqas minn EUR 500 000 jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' rapportar relatati mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ. L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' SME jenħtieġ li tiġi aġġustata biex jitneħħew il-kumplessitajiet***.

Or. en

Emenda 73
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Fit-18 ta' April 2019, il-Kummissjoni ddikjarat li "mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kunsill fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), il-kontribuzzjonijiet ta' darba mill-Istati Membri, kemm jekk minn Stat Membru kif ukoll jekk minn banek promozzjonali nazzjonali klassifikati fis-settur pubbliku ġenerali jew li jaġixxu f'isem Stat Membru, fi pjattaformi ta' investiment, tematiċi jew multinazzjonali jenħtieġ li jikkwalifikaw bħala miżuri ta' darba, fis-sens tal-Artikolu 5(1) u 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (13) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 (14). Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kunsill fl-implimentazzjoni tal-PST, il-Kummissjoni se tikkunsidra sa liema punt l-istess trattament bħall-FEIS, fil-kuntest tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-flessibbiltà, jista' jiġi applikat għall-Programm InvestEU bħala l-istrument suċċessur għall-FEIS fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ta' darba mill-Istati Membri fi flus biex jiġi ffinanzjat ammont addizzjonali tal-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-Istat Membru.". Filwaqt li l-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri xorta jenħtieġ li jitqiesu bħala miżuri ta' darba.

Or. en

Emenda 74

Lucia Yar, Gerben-Jan Gerbrandy, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi kkomplementat minn aktar miżuri mhux leġiżlattivi li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni, immirati lejn is-simplifikazzjoni, bħat-tnaqqis tal-frekwenza tar-rapporti ta' progress li għandhom jiġu ppreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dawn il-miżuri ta' simplifikazzjoni jenħtieġ li ma jikkompromettux il-kwalità tad-data riċevuta mir-riċevituri finali jew il-kapaċità li jimmonitorjaw u jevalwaw b'mod effettiv il-prestazzjoni ġenerali tal-programm, b'mod partikolari l-kontribut tiegħu għall-objettivi klimatiċi, enerġetiċi u soċjali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 75
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi kkomplementat minn aktar miżuri mhux leġiżlattivi li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni, immirati lejn is-simplifikazzjoni, bħat-tnaqqis tal-frekwenza tar-rapporti ta' progress li għandhom jiġu ppreżentati mis-sħab ta' implimentazzjoni. Minkejja dawn l-isforzi, jenħtieġ li dawn ma jikkompromettux l-effettività tal-mekkaniżmi ta' awditjar u ta' monitoraġġ meħtieġa biex l-allinjament mal-objettivi tal-politika tal-Unjoni jiġi żgurat.

Or. en

Emenda 76
Enikő Győri, Paolo Borchia, Jorge Martín Frías, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jenħtieġ li jqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità għall-SMEs, b'mod partikolari billi jadattaw ir-rekwiżiti dokumentarji u l-kriterji ta' valutazzjoni fid-dawl tal-kapaċità amministrattiva tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali, l-SMEs li japplikaw għall-ewwel darba jenħtieġ li jibbenefikaw ukoll minn dritt li jikkoreġu żbalji mhux materjali f'perjodu raġonevoli qabel kwalunkwe rifjut definittiv.

Or. en

Emenda 77
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tesplora aktar miżuri mhux leġiżlattivi biex tissimplifika r-reġim ta' InvestEU u b'hekk iżżid l-attraenza tiegħu u fl-aħħar mill-aħħar l-adozzjoni u l-effettività tiegħu.

Or. en

Emenda 78
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Huwa importanti li l-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat applikabbli għall-operazzjonijiet appoġġati minn InvestEU jkunu proporzjonati, prevedibbli u effiċjenti. F'dak il-kuntest, huwa essenzjali wkoll li l-Kummissjoni tesplora l-mezzi kollha disponibbli biex tissimplifika u taċċellera l-valutazzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat, filwaqt li tisfrutta b'mod aktar effettiv il-prinċipju tal-konformità mas-suq. Barra minn hekk, meta jkun xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida f'waqtha u ċara u tissimplifika aktar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-istrumenti finanzjarji nazzjonali.

Or. en

Emenda 79
Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Huwa importanti li l-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat applikabbli għall-operazzjonijiet appoġġati minn InvestEU jkunu proporzjonati, prevedibbli u ssimplifikati. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li, meta xieraq, il-Kummissjoni tipprovdi gwida f'waqtha u tiċċara u tissimplifika aktar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-istrumenti finanzjarji nazzjonali.

Or. en

Emenda 80
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-frekwenza u l-ambitu tar-rapporti jenħtieġ li jitnaqqsu wkoll għall-programm InvestEU u l-predeċessur tiegħu, il-programm tal-FEIS.	(8) ***F'konformità mal-objettiv li jitnaqqas il-piż amministrattiv,*** il-frekwenza u l-ambitu tar-rapporti jenħtieġ li jitnaqqsu wkoll ***b'mod sinifikanti*** għall-programm InvestEU u l-predeċessur tiegħu, il-programm tal-FEIS.

Or. en

Emenda 81
Enikő Győri, Paolo Borchia, Jorge Martín Frías, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Il-SMEs spiss jiffaċċjaw sfidi sinifikanti fl-aċċess għall-appoġġ konsultattiv minħabba l-iskala iżgħar tagħhom u r-restrizzjonijiet tar-riżorsi li jirriżultaw mill-burokrazija intollerabbli. Sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess u jiġi żgurat li l-proġetti b'kost totali ta' inqas minn EUR 5 miljun ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod effiċjenti minn servizzi ta' konsulenza, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita eliġibbiltà awtomatika għall-appoġġ miċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU. Dan jiżgura li l-proġetti fuq skala iżgħar ma jiġux esklużi mill-appoġġ konsultattiv essenzjali.

Or. en

Emenda 82
Nils Ušakovs

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-EURI huwa obbligu legali għall-Unjoni u element ta' nefqa mhux diskrezzjonali fil-baġit tal-UE. F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali adottat bħala parti mill-ftehim QFP tal-2020, in-nefqa biex jiġu koperti l-kostijiet ta' finanzjament tal-NGEU "għandu jkollha l-għan li ma tnaqqasx il-programmi u l-fondi". Fid-dawl ta' dan, EUR 350 miljun mir-rimborżi jenħtieġ li jintużaw għall-provižjonament ta' InvestEU biex tintlaħaq il-mira oriġinali ta' provižjonament ta' InvestEU b'kontribuzzjonijiet aktar baxxi mill-approprjazzjonijiet tal-baġit ivvutati fl-2026 u fl-2027, u b'hekk isir disponibbli ammont korrispondenti ta' EUR 350 miljun ta' approprjazzjonijiet rilaxxati, b'mod partikolari għall-kaskata tal-EURI, f'konformità mar-Regolament QFP.

Or. en

Emenda 83
Nils Ušakovs

Proposta għal regolament
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) F'konformità mal-għan tal-Programm InvestEU li jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, huwa essenzjali li tingħata prijorità lil oqsma fejn in-nuqqas ta' investiment persistenti jimmina l-

koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli. Is-settur tal-akkomodazzjoni huwa eżempju ċar ta' tali sfida, peress li l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli ddeterjora dejjem aktar f'dawn l-aħħar snin. Għalhekk, jinħtieġ appoġġ imsaħħaħ u mmirat fil-qafas InvestEU biex jgħin jimmobilizza l-investiment f'dan is-settur. Dan jikkontribwixxi mhux biss għall-għanijiet ta' koeżjoni soċjali u territorjali tal-Unjoni, iżda wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jippromwovi wkoll l-objettivi tagħha dwar il-klima u l-enerġija skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, permezz tal-promozzjoni ta' akkomodazzjoni sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Or. en

Emenda 84
Nils Ušakovs

Proposta għal regolament
Premessa 11c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11c) Fid-dawl tal-falliment persistenti tas-suq relatat mal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u soċjali madwar l-Unjoni, u fl-isforz biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni li tippromwovi l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni territorjali, jinħtieġ li jissaħħaħ l-appoġġ għall-investimenti fis-settur tal-akkomodazzjoni. Sabiex tiġi indirizzata din id-diskrepanza persistenti fl-investiment – li l-Bank Ewropew tal-Investiment stmaha li hija bejn EUR 300 u 400 biljun fis-sena – u biex jiġi mobilizzat il-kapital ta' riskju f'din iż-żona mhux moqdija biżżejjed, jenħtieġ li tiġi stabbilita Faċilità Ewropea għall-Akkomodazzjoni iddedikata bħala parti mill-attivitajiet ta' faċilitazzjoni tal-

investiment taħt il-Programm InvestEU. Din il-Faċilità jenħtieġ li tipprovdi strumenti ta' ekwità, dejn u taħlit f'kooperazzjoni mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment u sħab oħra inkarigati mill-implimentazzjoni, inklużi l-banek promozzjonali nazzjonali. Jenħtieġ li jappoġġa l-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-modifika retroattiva ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, jippromwovi l-innovazzjoni f'akkomodazzjoni sostenibbli, u jiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-awtoritajiet lokali, il-SMEs, u l-atturi tal-ekonomija soċjali involuti fl-iżvilupp tal-akkomodazzjoni. Il-Faċilità jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq tal-miri tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija billi tipprijoritizza l-akkomodazzjoni sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Or. en

Emenda 85
Angéline Furet

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11Regulation (EU) 2021/523Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond InvestEU, li għandu jipprevedi garanzija tal-UE u strument finanzjarju InvestEU biex jappoġġaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment imwettqa mis-sħab ta' implimentazzjoni li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-politiki interni tal-Unjoni.;	***imħassar***
	(Regolament (UE) 2021/523)

Or. fr

(Regolament (UE) 2021/523, Artikolu 1, paragrafu 1)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda żżomm id-dispożizzjonijiet eżistenti.

Emenda 86
Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aRegulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser, fil-kompartiment tal-UE, operazzjoni appoġġata mill-baġit tal-Unjoni li tikkombina forom ta' appoġġ li mhumiex ripagabbli, forom ta' appoġġ ripagabbli, jew it-tnejn li huma, mill-baġit tal-Unjoni ma' forom ta' appoġġ ripagabbli mingħand istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet tal-finanzjament pubbliċi oħra, jew mingħand istituzzjonijiet tal-finanzjament kummerċjali u investituri; għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, ***programmi*** tal-Unjoni ffinanzjati minn sorsi oħra minbarra l-baġit tal-Unjoni, ***bħal pereżempju l-Fond tal-Innovazzjoni tal-UE ETS, jista' jiġi assimilat ma' programmi*** tal-Unjoni ***ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni;***;	(5) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser, fil-kompartiment tal-UE, operazzjoni appoġġata mill-baġit tal-Unjoni li tikkombina forom ta' appoġġ li mhumiex ripagabbli, forom ta' appoġġ ripagabbli, jew it-tnejn li huma, mill-baġit tal-Unjoni ma' forom ta' appoġġ ripagabbli mingħand istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet tal-finanzjament pubbliċi oħra, jew mingħand istituzzjonijiet tal-finanzjament kummerċjali u investituri; għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, ***il-programmi*** tal-Unjoni ffinanzjati minn sorsi oħra minbarra l-baġit tal-Unjoni, ***bħall-Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS, jistgħu jiġu assimilati biss mal-programmi tal-baġit*** tal-Unjoni ***meta jkunu soġġetti għal rekwiżiti ekwivalenti ta' governanza, trasparenza u obbligu ta' rendikont***;

Or. en

Emenda 87
Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt cRegulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "fondi b'ġestjoni kondiviża" tfisser	(11) "fondi b'ġestjoni kondiviża" tfisser

il-fondi li jipprevedu l-possibbiltà li porzjon minnhom jiġi allokat għall-proviżjonament ta' garanzija baġitarja jew għal strument finanzjarju fil-kompartiment tal-Istat Membru tal-Fond InvestEU, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4](ir-"Regolament FSE+ 2021-2027"), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6](ir-"Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK")***;***;

il-fondi li jipprevedu l-possibbiltà li porzjon minnhom jiġi allokat għall-proviżjonament ta' garanzija baġitarja jew għal strument finanzjarju fil-kompartiment tal-Istat Membru tal-Fond InvestEU, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament FSE+ 2021-2027"), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK")***. L-użu ta' dawn il-fondi għall-proviżjonament għandu jkun bil-kundizzjoni li jintwera b'mod ċar li tali inġinerija finanzjarja tagħti valur miżjud ekwivalenti jew akbar għall-objettivi ta' politika tal-fond oriġinali, b'mod partikolari fir-rigward tal-koeżjoni soċjali, il-bilanċ territorjali u l-appoġġ għar-reġjuni vulnerabbli***;

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-

Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1).

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 88
Jussi Saramo, Manon Aubry, Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt eRegulation (EU) 2021/523Artikolu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-punt 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
""intrapriża żgħira u medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;[7]"'	

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni.

Or. en

Emenda 89
Jonás Fernández

Proposta għal regolamentRegulation (EU) 2021/523
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-punt 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
""intrapriża żgħira u medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;"'	

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).[7]

Or. en

Emenda 90
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e

Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "intrapriża żgħira u medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;	***imħassar***

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

('Ir-Rakkomandazzjoni għall-SMEs ilha hemm mill-2003 u hija konsistenti fil-programmi kollha tal-UE u fir-regolamenti dwar l-Għajnuna mill-Istat. Aħna naħsbu li t-tiġdid tagħha għal programm li se jdum sal-2027 mhuwiex ideali. Barra minn hekk, is-sjieda tal-SMEs hija element ewlieni għall-politika tal-kompetizzjoni biex jiġi żgurat li s-suq intern ikun qed jaħdem b'mod effiċjenti.)

Emenda 91
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "intrapriża żgħira u ***medja" (SME***) tfisser ***(a)*** fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna	(21) "intrapriża żgħira u ***ta' daqs medju" ("SME"***) tfisser ***intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju fis-sens tal-***

mill-Istat***,*** intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' ***inqas*** minn 250***, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE***[7]***jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;***	***Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE***[7]***. B'deroga mir-regola ġenerali, u biss sal-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni,*** fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat ***u li l-appoġġ tagħhom jibqa' taħt EUR 100 000, din id-definizzjoni għandha tapplika għal*** intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' ***anqas*** minn 250 ***persuna, u li jkollha fatturat annwali li ma jaqbiżx EUR 50 miljun, u/jew total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx EUR 43 miljun.***
[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).	[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).
	Or. en

Emenda 92
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "intrapriża żgħira u medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]jew kif definit mod ieħor fil-	(21) "intrapriża żgħira u medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7] jew kif definit mod ieħor fil-

ftehim ta’ garanzija;;	ftehim ta’ garanzija;; ***Il-Kummissjoni għandha tipproċedi fuq bażi regolari għal aġġustament permanenti taż-żewġ limiti finanzjarji stabbiliti fl-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE. Tali aġġustamenti għandhom jirriflettu l-inflazzjoni kumulattiva jew indikaturi ekonomiċi oġġettivi oħra u għandhom ikunu bbażati fuq riċerka u ħidma analitika li juru l-aġġustamenti eżatti meħtieġa.***
[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta’ Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta’ intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).	[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta’ Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta’ intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li t-tliet kriterji użati għad-definizzjoni ta’ SME ġew stabbiliti fl-2003, iż-żewġ limiti finanzjarji għandhom jiġu indiċjati b’mod permanenti u rieżaminati f’intervalli regolari (eż. f’konformità mal-inflazzjoni kumulattiva) abbażi ta’ evidenza analitika robusta, filwaqt li l-limitu tal-għadd ta’ impjegati jrid jibqa’ l-istess.

Emenda 93
Denis Nesci, Ruggero Razza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) “intrapriża żgħira u medja” (SME) tfisser (a) fil-każ ta’ prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f’termini ta’ għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta’ impjegati matul is-sena finanzjarja ta’ inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta’ tipi oħra ta’ prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta’ daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-	(21) “intrapriża żgħira u medja” (SME) tfisser (a) fil-każ ta’ prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f’termini ta’ għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta’ impjegati matul is-sena finanzjarja ta’ inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta’ tipi oħra ta’ prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta’ daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;	Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7] jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;; ***Il-Kummissjoni għandha tipproċedi fuq bażi regolari għal aġġustament permanenti taż-żewġ limiti finanzjarji stabbiliti fl-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE. Tali aġġustamenti għandhom jirriflettu l-inflazzjoni kumulattiva jew indikaturi ekonomiċi oġġettivi oħra u għandhom ikunu bbażati fuq riċerka u ħidma analitika li juru l-aġġustamenti eżatti meħtieġa.***
[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).	[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

Emenda 94
Stine Bosse, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "intrapriża żgħira u ***medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd*** medju ***ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji,*** intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju ***skont it-tifsira*** tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]***jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;***	(21) "intrapriża żgħira u ***ta' daqs*** medju***" ("SME") tfisser*** intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju ***fis-sens*** tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

Emenda 95
Evelyn Regner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "intrapriża żgħira u ***medja***" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;***;***	(21) "intrapriża żgħira u ***ta' daqs medju***" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE***, eskluża l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(4) tagħha,*** jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għall-Artikolu 3(4) tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE teskludi lill-SMEs bi sjieda pubblika jew muniċipali mid-definizzjoni ta' SME, anke meta jissodisfaw il-kriterji tad-daqs oġġettivi kollha. It-tneħħija ta' din ir-referenza tiżgura kundizzjonijiet ekwi billi tippermetti lill-intrapriżi kollha – irrispettivament mill-istruttura tas-sjieda – jaċċessaw prodotti finanzjarji b'kundizzjonijiet ugwali. Dan huwa partikolarment importanti minħabba

r-rwol kruċjali tal-muniċipalitajiet fl-għoti tas-servizzi pubbliċi u fl-ixprunar tat-tranżizzjoni soċjoekoloġika fil-prattika madwar l-Ewropa.

Emenda 96
Enikő Győri, Paolo Borchia, Jorge Martín Frías, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "intrapriża żgħira u ***medja" (SME***) tfisser (a) ***fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat,*** intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' ***tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness*** tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]***jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;***;	(21) "intrapriża żgħira u ***ta' daqs medju" ("SME"***) tfisser (a) intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn 250, jew (b) fil-każ ta' ***prodotti finanzjarji, fejn ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat jeħtieġu l-użu tad-definizzjoni ta' SME fl-Anness I*** tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]***, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju fis-sens ta' dak l-Anness***;
[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).	[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

Emenda 97
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(21) "intrapriża żgħira u medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn ***250***, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;	(21) "intrapriża żgħira u medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn ***500***, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7] jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;
[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).	[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

Emenda 98
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 2 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "intrapriża żgħira u medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn ***250***, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7]jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;	(21) "intrapriża żgħira u medja" (SME) tfisser (a) fil-każ ta' prodotti finanzjarji li ma jagħtux vantaġġ f'termini ta' għajnuna mill-Istat, intrapriża li, skont l-aħħar kontijiet annwali jew konsolidati tagħha, timpjega għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja ta' inqas minn ***500***, jew (b) fil-każ ta' tipi oħra ta' prodotti finanzjarji, intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont it-tifsira tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[7] jew kif definit mod ieħor fil-ftehim ta' garanzija;;

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Or. en

Emenda 99
Angéline Furet

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt i
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1) għandha ***tkun EUR 28 652 310 073 bi*** prezzijiet attwali.***;***	Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1) għandha ***tibqa' għal ammont ta' EUR 26 152 310 073 fi*** prezzijiet attwali. *(Regolament (UE) 2021/523)*

Or. fr

(Regolament (UE) 2021/523, Artikolu 4, paragrafu 1)

Ġustifikazzjoni

Iżżomm il-garanzija eżistenti.

Emenda 100
Stine Bosse, Fabienne Keller, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt i
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1) għandha tkun EUR ***28***	Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1) għandha tkun EUR ***30***

652 310 073 bi prezzijiet attwali.;	***902 310 073 fi*** prezzijiet attwali.;

Or. en

Emenda 101
Nils Ušakovs

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt i
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1) għandha tkun EUR ***28 652 310 073 bi*** prezzijiet attwali.;	Il-garanzija tal-UE għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 9(1) għandha tkun EUR ***29 777 310 073 fi*** prezzijiet attwali.;

Or. en

Emenda 102
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ammont addizzjonali tal-garanzija tal-UE jista' jingħata għall-finijiet tal-kompartiment tal-Istat Membru msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament, soġġett għall-allokazzjoni mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8]("Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni 2021-2027") u l-Artikolu 81 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, tal-ammonti korrispondenti.***;***	Ammont addizzjonali tal-garanzija tal-UE jista' jingħata għall-finijiet tal-kompartiment tal-Istat Membru msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament, soġġett għall-allokazzjoni mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] ("Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni 2021-2027") u l-Artikolu 81 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, ***kif ukoll l-Artikolu rilevanti fir-Regolament SAFE*** tal-ammonti korrispondenti.

[8] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

[8] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Or. en

Emenda 103
Angéline Furet

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ammont ta' EUR ***13 827 310 073 bi*** prezzijiet attwali tal-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi allokat għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(2)***;***	***L-istess*** ammont ta' EUR ***11 327 310 073 fi*** prezzijiet attwali tal-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi allokat għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(2).

Or. fr

Emenda 104
Stine Bosse, Fabienne Keller, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ammont ta' EUR ***13 827 310 073 bi*** prezzijiet attwali tal-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi allokat għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(2).;	Ammont ta' EUR ***16 077 310 073 fi*** prezzijiet attwali tal-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi allokat għall-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(2).;

Or. en

Emenda 105
Nils Ušakovs

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – subparagrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"3. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-Kapitoli VI u VII għandu jkun EUR 630 000 000 fi prezzijiet attwali.";

Or. en

Emenda 106
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – subparagrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"3. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-

Kapitoli VI u VII għandu jkun EUR 630 000 000 fi prezzijiet attwali.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nappoġġaw l-approċċ ġenerali deskritt fl-abbozz tar-rapporteurs. Madankollu, meta jitqies il-valur miżjud ċar taċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU — b'mod partikolari biex jiġi żgurat pipeline ta' proġetti stabbli u ta' kwalità għolja li jsaħħaħ il-valur miżjud tal-istrument għall-UE — nipproponu li l-allokazzjoni tiegħu tiżdied b'EUR 200 miljun. Din iż-żieda tiġi kkumpensata bi tnaqqis korrispondenti ta' EUR 200 miljun fil-garanzija, biċ-ċifri relatati kollha aġġustati kif xieraq fil-qari tal-Parlament Ewropew.

Emenda 107
Stine Bosse, Fabienne Keller, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"3. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-Kapitoli VI u VII għandu jkun EUR 530 000 000 fi prezzijiet attwali.";

Or. en

Emenda 108
Enikő Győri, Paolo Borchia, Jorge Martín Frías, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4a. It-tieqa ta' politika stabbilita fl-Artikolu 8(1), il-punt (c), ta' dan ir-Regolament għandha tiżdied b'mill-inqas 50 % tal-garanzija addizzjonali ta' EUR 2,5 biljun stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) ..../.... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data tad-dħul fis-seħħ]*";

---

* ***Ir-Regolament (UE) ..../.... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data tad-dħul fis-seħħ] li jemenda r-Regolamenti (UE) 2015/1017, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695 u (UE) 2021/1153 fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza tal-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523 u fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar***

Or. en

Emenda 109
Evelyn Regner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-garanzija tal-UE u l-istrument finanzjarju InvestEU għandhom jiġu implimentati b'ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fil-punti (c)(ii), (c)(iii), (c)(v) u (c)(vi) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju.***;**	Il-garanzija tal-UE u l-istrument finanzjarju InvestEU għandhom jiġu implimentati b'ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fil-punti (c)(ii), (c)(iii), (c)(v) u (c)(vi) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju ***b'mod li tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' strutturi u li tiġi żgurata koordinazzjoni effiċjenti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-implimentazzjoni għandha tkun koordinata u faċli għall-utent, biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji jiġu appoġġati b'mod sempliċi u effettiv. Il-korpi ta' implimentazzjoni għandhom

jikkooperaw mill-qrib u jipprovdu aċċess ċar u simplifikat, idealment billi jsegwu approċċ ta' punt uniku ta' servizz. Ir-rwol tagħhom għandu jkun li jappoġġaw lill-benefiċjarji.

Emenda 110
Angéline Furet

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
	(Regolament (UE) 2021/523)

Or. fr

(Regolament (UE) 2021/523, Artikolu 7)

Emenda 111
Damian Boeselager, Rasmus Nordqvist
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt d
Regolament (UE) 2021/523
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-termini u l-kundizzjonijiet tal-prodotti finanzjarji msemmija fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu u tal-portafolli kkonċernati, inklużi l-ishma pro rata rispettivi tat-telf, tad-dħul, tal-ħlasijiet lura u tal-irkupri jew l-ishma mhux pro rata rispettivi f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' garanzija msemmi fl-Artikolu 17.***;***	It-termini u l-kundizzjonijiet tal-prodotti finanzjarji msemmija fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu u tal-portafolli kkonċernati, inklużi l-ishma pro rata rispettivi tat-telf, tad-dħul, tal-ħlasijiet lura u tal-irkupri jew l-ishma mhux pro rata rispettivi f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' garanzija msemmi fl-Artikolu 17. ***L-impatt tal-implimentazzjoni ta' kombinazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji fuq il-baġit għandu jiġi vvalutat u jsir disponibbli għall-pubbliku, bil-ħsieb li***

	tingħata informazzjoni għat-tfassil tal-istrument tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Or. en

Emenda 112
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Fl-Artikolu 8, jitħassar il-paragrafu 6;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex ir-reġim jiġi ssimplifikat aktar, qed jitneħħa l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà, inkluż dwar il-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti".

Emenda 113
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 8 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni, flimkien mas-sħab ta' implimentazzjoni, għandha tirsisti li tiżgura li l-parti tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE użata għat-tieqa ta' politika għall-infrastruttura sostenibbli tiġi distribwita biex jinkiseb bilanċ bejn l-oqsma differenti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-rekwiżit jikkomplika l-proċess u jmur kontra l-aġenda ta' simplifikazzjoni.

Emenda 114
Evelyn Regner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 8 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni, flimkien mas-sħab ***ta' implimentazzjoni***, għandha tirsisti li tiżgura li l-parti tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE użata għat-tieqa ta' politika għall-infrastruttura sostenibbli tiġi distribwita biex jinkiseb bilanċ bejn l-oqsma differenti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1.***;**	Il-Kummissjoni, flimkien mas-sħab ***inkarigati mill-implimentazzjoni***, għandha tirsisti li tiżgura li l-parti tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE użata għat-tieqa ta' politika għall-infrastruttura sostenibbli tiġi distribwita biex jinkiseb bilanċ bejn l-oqsma differenti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-fornituri reġjonali tas-servizzi ta' interess ġenerali, speċjalment dawk li joperaw kemm f'setturi regolati kif ukoll f'dawk mhux regolati. Dawk l-entitajiet għandhom jibbenefikaw minn livelli limitu ta' eliġibbiltà finanzjarja aktar baxxi u proċedura ta' applikazzjoni proporzjonata u simplifikata.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura li l-utilitajiet muniċipali u reġjonali — b'mod partikolari dawk fdati b'servizzi ta' interess ġenerali — ikollhom aċċess effettiv għall-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni. Fil-prattika, proċeduri ta' applikazzjoni kumplessi spiss jipprevjenu proġetti fuq skala żgħira milli jirċievu appoġġ. Limiti aktar baxxi u proċeduri simplifikati huma għalhekk maħsuba biex inaqqsu dawn l-ostakli b'mod immirat u effettiv.

Emenda 115
Nils Ušakovs

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	“Artikolu 8a
	Faċilità Ewropea għall-Akkomodazzjoni
	1.Faċilità Ewropea għall-Akkomodazzjoni hija stabbilita bħala faċilità ta’ investiment iddedikata fil-qafas tal-InvestEU, immirata biex tappoġġa l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali affordabbli madwar l-Unjoni.
	2.Il-Faċilità Ewropea għall-Akkomodazzjoni għandha tiġi implimentata b’kooperazzjoni mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment u sħab oħra inkarigati mill-implimentazzjoni, inklużi banek u istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, f’konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament.
	3.Il-Faċilità għandha tappoġġa proġetti u operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal:
	(a) il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta’ unitajiet ta’ akkomodazzjoni soċjali affordabbli;
	(b) il-modifika retroattiva effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta’ bini residenzjali, f’konformità mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni;
	(c) l-iżvilupp u l-iskalar ta’ soluzzjonijiet innovattivi ta’ akkomodazzjoni, inklużi mudelli mmexxija mill-komunità u kooperattivi;
	(d) l-aċċess għall-finanzi għall-awtoritajiet lokali, l-SMEs, u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali attivi fis-settur tal-akkomodazzjoni.
	4.L-appoġġ finanzjarju għandu jiġi pprovdut permezz ta’ taħlita ta’ strumenti

inklużi ekwità, dejn, garanziji, u finanzjament imħallat, u jista' jiġi kkomplementat minn servizzi ta' konsulenza u ta' assistenza teknika.

5.Il-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, għandha tiżgura l-għoti ta' appoġġ immirat u gwida ċara, b'mod partikolari għall-SMEs u l-awtoritajiet pubbliċi lokali, biex tiffaċilita l-aċċess għall-Faċilità.

6. Din il-Faċilità għandha tkun mgħammra b'allokazzjoni baġitarja ddedikata ta' mill-inqas EUR [...] miljun taħt il-Programm InvestEU, bil-ħsieb li jiġi mobilizzat investiment pubbliku u privat addizzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm diskrepanza persistenti u dokumentata sew fl-investiment fl-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali madwar l-Unjoni, stmata għal EUR 300-400 biljun fis-sena. Faċilità Ewropea għall-Akkomodazzjoni ddedikata taħt il-Programm InvestEU tgħin biex jiġi mmobilizzat il-kapital tant meħtieġ f'dan is-settur li mhuwiex moqdi biżżejjed, filwaqt li tagħti kontribut lill-koeżjoni soċjali, lill-bilanċ territorjali, u lill-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni. Aħna lesti niddiskutu ċ-ċifri u l-parametri eżatti ta' din il-Faċilità mal-gruppi parlamentari kollha u mal-Kummissjoni biex niżguraw rispons immirat, effettiv u ambizzjuż għall-kriżi tal-akkomodazzjoni.

Emenda 116
Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kompartiment tal-Istat Membru għandu jindirizza fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali f'reġjun jew fi Stat Membru wieħed jew aktar biex jilħaq l-objettivi tal-	***imħassar***

politika tal-fondi kontribwenti b'ġestjoni kondiviża jew tal-ammont addizzjonali pprovdut minn Stat Membru skont l-Artikolu 4(1), it-tielet subparagrafu, jew skont l-Artikolu 10a(1), it-tieni subparagrafu, speċjalment biex isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni billi jindirizza l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni tagħha.;

Or. en

Emenda 117
Evelyn Regner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kompartiment tal-Istat Membru għandu jindirizza fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali f'reġjun jew fi Stat Membru wieħed jew aktar biex jilħaq l-objettivi tal-politika tal-fondi kontribwenti b'ġestjoni kondiviża jew tal-ammont addizzjonali pprovdut minn Stat Membru skont l-Artikolu 4(1), it-tielet subparagrafu, jew skont l-Artikolu 10a(1), it-tieni subparagrafu, speċjalment biex isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni billi jindirizza l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni tagħha.***;***	(b) il-kompartiment tal-Istat Membru għandu jindirizza fallimenti tas-suq speċifiċi jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali f'reġjun jew fi Stat Membru wieħed jew aktar biex jilħaq l-objettivi tal-politika tal-fondi kontribwenti b'ġestjoni kondiviża jew tal-ammont addizzjonali pprovdut minn Stat Membru skont l-Artikolu 4(1), it-tielet subparagrafu, jew skont l-Artikolu 10a(1), it-tieni subparagrafu, speċjalment biex isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni billi jindirizza l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni tagħha***, speċifikament fl-għoti ta' servizzi ta' interess ġenerali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-forniturи ta' servizzi ta' interess ġenerali, bl-għan li jingħataw aċċess aktar faċli għall-investimenti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tagħmel enfasi partikolari fuq il-forniturи ta' servizzi ta' interess ġenerali

(SGI). Billi ssaħħaħ l-appoġġ għal tali fornituri, hija tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni li tippromwovi l-koeżjoni soċjali u tiżgura l-aċċessibbiltà ta' servizzi essenzjali fl-Unjoni kollha. Tgħin ukoll biex jiġi ggarantit li popolazzjonijiet mhux moqdija biżżejjed jew vulnerabbli jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod ekwu minn dawn is-servizzi.

Emenda 118
Ruggero Razza, Denis Nesci

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"2. Fejn xieraq, l-istrumenti identifikati fil-paragrafu 1 — inkluż l-Istrument Finanzjarju InvestEU fil-qafas tal-Artikolu 10a — jistgħu jintużaw b'mod konġunt biex jappoġġaw attivitajiet ta' finanzjament jew ta' investiment, billi jitħallat l-appoġġ miż-żewġ elementi f'qafas f'diversi livelli. F'dak il-qafas, l-ewwel telf għandu jiġġarrab mill-garanzija tal-Istat Membru.";

Or. en

Emenda 119
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt aa (ġdid)
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"1. Ammonti allokati minn Stat Membru fuq bażi volontarja skont id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-FEŻR, il-

FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMSA implimentati permezz tal-Programm InvestEU stabbiliti fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027 jew skont id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-FAEŻR implimentat permezz tal-Programm InvestEU stabbiliti fir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jew ammonti pprovduti fi flus kontanti f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament jew riżorsi ddedikati mill-Istati Membri permezz ta' self kif previst bir-regolament SAFE għandhom jintużaw għall-proviżjonament għall-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-Istat Membru li jkopri operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-Istat Membru kkonċernat jew għall-kontribuzzjoni possibbli għaċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU. Dawk l-ammonti għandhom jintużaw biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ta' politika speċifikati fil-Ftehim ta' Sħubija msemmi fid-dispożizzjonijiet dwar il-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija stabbiliti fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027, fil-programmi jew fil-Pjan Strateġiku tal-PAK li jikkontribwixxu għall-Programm InvestEU, biex jiġu implimentati l-miżuri rilevanti stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/241 jew, f'każijiet oħra, għall-finijiet stabbiliti fil-ftehim ta' kontribuzzjoni, skont l-oriġini tal-ammont kontribwit.";

Or. en

Emenda 120
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt ab (ġdid)
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
	Id-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu relatati mal-ammonti allokati skont id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-FEŻR, il-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMSA implimentati permezz tal-Programm InvestEU stabbiliti fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027 jew skont id-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-FAEŻR implimentat permezz tal-Programm InvestEU stabbiliti fir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u r-riżorsi dedikati mill-Istati Membri permezz ta' self kif previst bir-Regolament SAFE mhumiex applikabbli għal ftehim ta' kontribuzzjoni dwar ammont addizzjonali minn Stat Membru, imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament.";

Or. en

Emenda 121
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru u l-Kummissjoni għandhom jikkonkludu ftehim ta' kontribuzzjoni jew emenda għalih ***b'insegwiment tad-Deċiżjoni*** tal-Kummissjoni li tapprova l-Ftehim ta' Sħubija skont ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027 jew il-Pjan Strateġiku tal-PAK skont ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jew simultanjament skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda	L-Istat Membru u l-Kummissjoni għandhom jikkonkludu ftehim ta' kontribuzzjoni jew emenda għalih ***b'segwitu għad-Deċiżjoni*** tal-Kummissjoni li tapprova l-Ftehim ta' Sħubija skont ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027 jew il-Pjan Strateġiku tal-PAK skont ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jew simultanjament skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda programm

programm f'konformità mar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027 jew Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK stabbiliti fir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.***;***	f'konformità mar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027 jew Pjan Strateġiku tal-PAK f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-emendar tal-Pjan Strateġiku tal-PAK stabbiliti fir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ***jew id-dispożizzjonijiet fir-Regolament SAFE***.

Or. en

Emenda 122
Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ammonti allokati minn Stat Membru b'mod volontarju skont l-ewwel u t-tieni subparagrafu għandhom jintużaw għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-Istat Membru kkonċernat. ***Dawk*** l-ammonti għandhom jintużaw ***biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ta' politika speċifikati*** fil-Ftehim ta' Sħubija ***msemmi fl-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027***, fil-programmi jew fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ***li jikkontribwixxu għall-Programm InvestEU, biex jiġu implimentati l-miżuri rilevanti stabbiliti fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 jew, f'każijiet oħra, għall-finijiet stabbiliti fil-ftehim ta' kontribuzzjoni, skont l-oriġini tal-ammont ikkontribwit***.	L-ammonti allokati minn Stat Membru b'mod volontarju skont l-ewwel u t-tieni subparagrafu għandhom jintużaw ***esklużivament*** għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-Istat Membru kkonċernat. ***Dawn*** l-ammonti għandhom jintużaw ***f'konformità mal-objettivi identifikati b'mod ċar*** fil-Ftehim ta' Sħubija, fil-programmi ***nazzjonali*** jew fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ***tal-Istat Membru kontribwenti, mingħajr preġudizzju għall-prijoritajiet nazzjonali u b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-użu ta' tali fondi ma għandu jinvolvi l-ebda obbligu ta' allinjament ma' orjentazzjonijiet politiċi jew ideoloġiċi usa' mhux approvati b'mod espliċitu mill-Istat Membru***.

Or. en

Emenda 123

Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 10a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jikkombina l-kontribuzzjoni tiegħu mal-kompartiment tal-UE fi struttura b'saffi, il-ftehim ta' kontribuzzjoni u l-ftehim ta' garanzija relatat għandhom jispeċifikaw:
	(a) is-segment tal-ewwel telf li għandu jiġi assorbit mir-riżorsi nazzjonali jew reġjonali;
	(b) is-segment tat-telf sussegwenti kopert mill-garanzija tal-kompartiment tal-UE;
	(c) il-kondiviżjoni prorata jew mhux prorata tal-irkupri u d-dħul;
	(d) salvagwardji li jiżguraw il-valur miżjud tal-UE, in-nuqqas ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u, fejn rilevanti, il-promozzjoni ta' proġetti transfruntiera.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà ta' layering formali tal-ewwel telf/tat-tieni telf bejn ir-riżorsi tal-Istati Membri u tal-garanzija tal-UE timmultiplika l-impatt taż-żewġ pakketti. Is-segment nazzjonali jagħixxi bħala buffer, u jnaqqas it-telf mistenni għall-baġit tal-Unjoni, filwaqt li l-garanzija InvestEU tamplifika l-kapaċità ta' investiment. Dan il-mudell diġà huwa standard f'ħafna faċilitajiet ta' finanzjament imħallat u se jinkoraġġixxi lil aktar Stati Membri jidderieġu fondi addizzjonali fi proġetti strateġiċi mingħajr ma jiksru r-restrizzjonijiet baġitarji.

Emenda 124
Denis Nesci, Ruggero Razza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 10a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jikkombina l-kontribuzzjoni tiegħu mal-kompartiment tal-UE fi struttura b'saffi, il-ftehim ta' kontribuzzjoni u l-ftehim ta' garanzija relatat għandhom jispeċifikaw:
	(a) is-segment tal-ewwel telf li għandu jiġi assorbit mir-riżorsi nazzjonali jew reġjonali;
	(b) is-segment tat-telf sussegwenti kopert mill-garanzija tal-kompartiment tal-UE;
	(c) il-kondiviżjoni prorata jew mhux prorata tal-irkupri u d-dħul;
	(d) salvagwardji li jiżguraw il-valur miżjud tal-UE, in-nuqqas ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u, fejn rilevanti, il-promozzjoni ta' proġetti transfruntiera.

Or. en

Emenda 125
Enikő Győri, Paolo Borchia, Jorge Martín Frías, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 10a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kuntratti li jimplimentaw l-istrument finanzjarju InvestEU bejn is-sieħeb ***ta' implimentazzjoni*** u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fl-Artikolu 16(1), il-punt (a), għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.;	5. ***L-appoġġ fil-qafas tal-istrument finanzjarju InvestEU jista jingħata għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti b'dan ir-Regolament għal perjodu ta' investiment li jintemm fit-31 ta' Diċembru 2027.*** Il-kuntratti li jimplimentaw l-istrument finanzjarju InvestEU bejn is-sieħeb ***inkarigat mill-implimentazzjoni*** u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fl-Artikolu 16(1), il-punt (a), għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta' Diċembru 2028.;

Or. en

Emenda 126
Irene Tinagli, Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Fl-Artikolu 11(1), il-punt (d)(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"jiġi allokat ammont massimu ta' EUR 375 000 000 għall-inizjattivi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 25 u l-kompiti operazzjonali msemmija fil-punt (ii) ta' dan il-punt mill-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 4(3);";

Or. en

Emenda 127
Nils Ušakovs

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 4 – sentenzi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
75% tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), li tammonta għal EUR ***21 489 232 555***, għandha tingħata lill-Grupp tal-BEI. Il-grupp tal-BEI għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja aggregata li tammonta għal EUR ***5 372 308 139***.;	75% tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), li tammonta għal EUR ***22 332 982 554***, għandha tingħata lill-Grupp tal-BEI. Il-grupp tal-BEI għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja aggregata li tammonta għal EUR ***5 583 245 638***.;

Or. en

Emenda 128
Angéline Furet

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 4 – sentenzi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
75% tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), li tammonta għal EUR ***21 489 232 555***, għandha tingħata lill-Grupp tal-BEI. ***Il-grupp tal-BEI għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja aggregata li tammonta għal EUR 5 372 308 139.***;	75% tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), li tammonta għal EUR ***19 489 232 555***, għandha ***tkompli*** tingħata lill-Grupp tal-BEI. ***Il-kontribuzzjoni finanzjarja aggregata lill-grupp BEI għandha tibqa' għal ammont ta' EUR 4 903 558 139***;

Or. fr

Emenda 129
Stine Bosse, Fabienne Keller, Gerben-Jan Gerbrandy, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 13 – paragrafu 4 – sentenzi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
75% tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), li tammonta għal EUR ***21 489 232 555***, għandha tingħata lill-Grupp tal-BEI. Il-grupp tal-BEI għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja aggregata li tammonta għal EUR ***5 372 308 139***.;	***75 %*** tal-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-UE kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), li tammonta għal EUR ***23 176 732 555***, għandha tingħata lill-Grupp tal-BEI. Il-grupp tal-BEI għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja aggregata li tammonta għal EUR ***5 794 183 139***.;

Or. en

Emenda 130
Evelyn Regner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt a
Regulation (EU) 2021/523
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
